# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL 2011/367/PESK

## tat-23 ta' Ġunju 2011

## li timplimenta d-Deċiżjoni 2011/273/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 31(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/273/PESK tad-9 ta' Mejju 2011 dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 5(1) tagħha,

Billi:

Fid-dawl tal-gravità tas-sitwazzjoni fis-Sirja, persuni u entitajiet oħra għandhom jiġu inklużi fil-lista ta' persuni u entitajiet soġġetti għall-miżuri restrittivi li jinsabu fl-Anness tad-Deċiżjoni 2011/273/PESK,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-persuni u l-entitajiet elenkati fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni għandhom jiżdiedu mal-lista li tinsab fl-Anness tad-Deċiżjoni 2011/273/PESK.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Ġunju 2011.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
MARTONYI J.

---

[1] ĠU L 121, 10.5.2011, p. 11.

*ANNESS*

**PERSUNI U ENTITAJIET IMSEMMIJA FL-ARTIKOLU 1**

A. **Persuni**

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni (data tat-twelid, post tat-twelid…) | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 1. | Zoulhima CHALICHE (Dhu al-Himma SHALISH) | Imwieled fl-1951 jew fl-1946 f'Kerdaha. | Kap tal-protezzjoni presidenzjali; involut fi vjolenza kontra d-dimostranti; prim kuġin tal-President Bachar Al-Assad. | 23.6.2011 |
| 2. | Riyad CHALICHE (Riyad SHALISH) | | Direttur tal-Military Housing Establishment; sors ta' finanzjament għar-reġim; prim kuġin tal-President Bachar Al-Assad. | 23.6.2011 |
| 3. | Kmandant Brigadier Mohammad Ali JAFARI (magħruf bħala JA'FARI, Aziz; magħruf bħala JAFARI, Ali; magħruf bħala JAFARI, Mohammad Ali; magħruf bħala JA'FARI, Mohammad Ali; magħruf bħala JAFARI-NAJAFABADI, Mohammad Ali) | DtT 1 ta' Settembru 1957; PtT Yazd, Iran. | Kmandant Ġenerali tar-Revolutionary Guard Corps Iranjan involut fil-forniment tat-tagħmir u l-appoġġ biex jgħin lir-reġim tas-Sirja jrażżan il-protesti fis-Sirja. | 23.6.2011 |
| 4. | Maġġur Ġeneral Qasem SOLEIMANI (magħruf bħala Qasim SOLEIMANY) | | Kmandant tal-Revolutionary Guard Corps Iranjan - Qods involut fil-forniment tat-tagħmir u l-appoġġ biex jgħin lir-reġim tas-Sirja jrażżan il-protesti fis-Sirja. | 23.6.2011 |
| 5. | Hossein TAEB (magħruf bħala TAEB, Hassan; magħruf bħala TAEB, Hosein; magħruf bħala TAEB, Hossein; magħruf bħala TAEB, Hussayn; magħruf bħala TAEB, Hojjatoleslam Hossein TA'EB) | DtT 1963; PtT Tehran, Iran. | Viċi Kmandant għall-Intelligence tal-Revolutionary Guard Corps Iranjan involut fil-forniment tat-tagħmir u l-appoġġ biex jgħin lir-reġim tas-Sirja jrażżan il-protesti fis-Sirja. | 23.6.2011 |
| 6. | Khalid QADDUR | | Soċju fin-negozju ma' Maher Al-Assad<br>Sors ta' finanzjament għar-reġim. | 23.6.2011 |
| 7. | Ra'if AL-QUWATLI (magħruf bħala Ri'af AL-QUWATLI | | Soċju fin-negozju ma' Maher Al-Assad<br>Sors ta' finanzjament għar-reġim. | 23.6.2011 |

B. **Entitajiet**

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 1. | Bena Properties | | Taħt il-kontroll ta' Rami Makhlouf; Sors ta' finanzjament għar-reġim | 23.6.2011 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 2. | Al Mashreq Investment Fund (AMIF) (psewdonomu Sunduq Al Mashrek Al Istithmari) | Po Box 108, Damascus<br>Tel: 963 112110059 / 963112110043<br>Fax: 963 933333149 | Taħt il-kontroll ta' Rami Makhlouf; Sors ta' finanzjament għar-reġim | 23.6.2011 |
| 3. | Hamcho International (magħruf bħala Hamso International Group) | Baghdad Street, P.O.Box 8254 Damascus<br>Tel.:963 112316675<br>Fax: 963 112318875<br>Website: www.hamshointl.com<br>Posta elettronika: info@hamshointl.com u hamshogroup@yahoo.com | Taħt il-kontroll ta' Mohamed Hamcho jew Hamsho; Sors ta' finanzjament għar-reġim | 23.6.2011 |
| 4. | Military Housing Establishment (psewdonomu MILIHOUSE) | | Kumpannija ta' xogħlijiet pubbliċi taħt il-kontroll ta' Riyad Shalish u l-Ministeru tad-Difiża. Sors ta' finanzjament għar-reġim. | 23.6.2011 |